# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## INTERPRETAZZJONI TA' DECIZJONI NRU 158

KAZ NRU 225

Wara d-Decizjoni
fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Alfred Farrugia

u

l-Marina Hotel

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 13 t'April, 1984

Chairman: Anth J Bartolo MIEEE, TEng, FIElecIE, MBIM, MIIM, MIM

Permezz ta' ittra li ghandha referenza C/347/82 u ggib id-data tas-16 ta' Marzu, 1984, is-Sur Richard Matrenza, DPE(Oxon), FRES, MIM, ghan-nom ta' Alfred Farrugia, talab bir-rispett lit-Tribunal Industrijali sabiex taht id-disposizzjoni ta' l-Artikolu Nru 35 ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, jghati nterpretazzjoni tad-Decizjoni Nru 158 li nghatat nhar il-Gimgha, 17 ta' Frar, 1984, biex b'hekk zgur li hadd ma jkun jista' jistahba wara dubbji veri u/jew immaginarji.

Skond l-istess Artikolu Nru 35, it-Tribunal zamm seduta nhar il-Gimgha, 23 ta' Marzu, 1984 u semgha liz-zewg partijiet.

Is-Sur Richard Matrenza ghan-nom tal-appellant, qal li minn naha tal-appellant l-Award huwa car, imma jidher li hemm xi dubju mill-parti l-ohra fuq it-tnaqqis.

Is-Sur George Schembri ghan-nom tal-Marina Hotel, talab interpretazzjoni fuq it-tnaqqis li ghandu x'jaqsam mal-impieg mal-Corinthia Group of Companies.

It-Tribunal jghati l-interpretazzjoni tieghu kif jidher hawn taht:

It-tnaqqis imsemmi fl-ahhar paragrafu tal-klawsola tmienja (8) f'pagna 15 tal-Award tat-Tribunal Industrijali skond id-Decizjoni Nru 158 jikkonsisti:

(a) f'kull hlas li Alfred Farrugia rcieva mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali fil-perijodu 6 ta' Ottubru, 1982 sa 19 ta' Frar, 1984;

(b) fin-'Notice Money' li Alfred Farrugia rcieva mil-Marina Hotel stess;

(c) fis-somma ta' wiehed u ghoxrin lira Maltin (LM21.00,0) kull gimgha li l-Marina Hotel kien ikollha thallas lil Alfred Farrugia skond l-Award ghall-perijodu 19 ta' Lulju, 1983 sat-13 ta' Ottubru, 1983 li kieku Alfred Farrugia ma giex impjegat mal-Corinthia Group of Companies fil-Libya f'dak l-istess perjodu.

ANTHONY J BARTOLO
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

Data: 13 t'April, 1984

ja